# IL-BIBBJA U L-INKORAĠĠIMENT

1. **2 Korintin 12:10** – "Għalhekk nieħu pjaċir bid-dgħufijiet tiegħi, bit-tagħjir, bil-għaks, bil-persekuzzjonijiet, bid-dwejjaq għal Kristu: għax meta jien dgħajjef, imbagħad inkun qawwi."
2. **Lhud 10:22-23** – "Ħa nersqu b'qalb sinċiera bil-milja kollha tal-fidi, bi qlubna mnaddfin minn kuxjenza ħażina, u ġisimna maħsul b'ilma nadif. Ħa nżommu sħiħ l-istqarrija tat-tama *tagħna* mingħajr ma nbiddlu *fehmitna*; (għax fidil hu dak li wiegħed;)"
3. **Ġakbu 1:12** – "Hieni l-bniedem li jsofri t-tiġrib; għax wara t-tiġrib, jieħu l-kuruna tal-ħajja, li wiegħed il-Mulej lil dawk li jħobbuh."
4. **Dewteronomju 31:6** – "Żommu iebes, agħmlu l-kuraġġ, la tibż-għux, u la titwerwrux quddiemhom; għax il-Mulej, Alla tiegħek, hu dak li jimxi miegħek; ma jħallikx u lanqas jitilqek."
5. **Il-Beatitudni: Mattew 5:4-12** – (Aqra)
6. **2 Korintin 4:8-9** – "Marsusin minn kull naħa, iżda m'aħniex im-għaffġin; imħawdin, iżda m'aħniex iddisprati; ippersegwitati, iżda m'aħniex minsijin; imgħakksin, iżda m'aħniex meqrudin."
7. **2 Korintin 4:16-18** – "Minħabba f'hekk ma naqtgħux qalbna; għax għalkemm il-bniedem tagħna ta' barra jintemm, il-bniedem ta' ġew-wa fina jiġġedded minn jum għal jum. Għax it-taħbit żgħir tagħna, li hu għal ħin wieħed, ihejjilna b'kobor bla qjies tagħbija ta' glorja eterna; Waqt li aħna ma nħarsux lejn il-ħwejjeġ li jidhru, imma lejn il-ħwejjeġ li ma jidhrux: għax dawk li jidhru huma ta' żmien qasir; iżda l-ħwejjeġ li ma jidhrux huma eterni."
8. **Salm 126:5** – "Dawk li jiżirgħu fid-dmugħ, jaħsdu bl-għana tal-ferħ."
9. **2 Timotju 1:7** – "Għax Alla ma taniex l-ispirtu tal-biża'; imma tal-qawwa, u ta' l-imħabba, u ta' rażna fuqna nfusna."
10. **Rumani 12:12** – "Ifirħu bit-tama, stabru fil-hemm, itolbu bla waqfien."
11. **Rumani 5:5** – "U din it-tama ma tqarraqx bina, għax l-imħabba ta' Alla ssawbet fi qlubna permezz ta' l-Ispirtu s-Santu li kien mogħti lilna."
12. **Proverbji 3:5-6** – "Afda fil-Mulej b'qalbek kollha; u fuq fehmtek la tafdax. Aħseb Fih fil-mixi tiegħek kollu, u Hu jwittilek triqatek."
13. **1 Ġwanni 2:15-17** – "La tħobbux id-dinja, lanqas il-ħwejjeġ li huma fid-dinja. Jekk xi ħadd iħobb id-dinja, l-imħabba tal-Missier

mhix fih. Għax kull ma hemm fid-dinja, xewqat ħżiena tal-ġisem, xewqat ħżiena tal-għajnejn, u l-kburija tal-ħajja, mhux ġej mill-Missier, imma mid-dinja. U d-dinja tgħaddi, u x-xewqat tagħha wkoll: imma min jagħmel ir-rieda ta' Alla jibqa' għal dejjem."

14. **Rumani 15:13** – "U Alla tat-tama jimliekom ilkoll bil-ferħ u s-sliem permezz tal-fidi tagħkom, sabiex it-tama tagħkom toktor bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu."

15. **Isaija 54:17** – "L-ebda arma msawra kontrik ma tirnexxi; u kull ilsien li jqum kontrik fil-ħaqq int tikkundannah. Dan hu l-wirt tal-qaddejja tal-Mulej; u l-ħlas ġust tagħhom mingħandi, igħid il-Mulej."

16. **Salm 91:2, 4** – "Jien ngħid lill-Mulej: Int il-kenn u l-fortizza tiegħi: Alla tiegħi; fik nittama jien,…Hu jgħattik b'rixu, u taħt ġwinħajh issib kenn: is-sewwa tiegħu tkun it-tarka u l-korazza tiegħek."

17. **Efesin 6:10-18** – "Mill-bqija, twettqu fil-Mulej u ssaħħu bil-qawwa tiegħu. Ilbsu l-armatura ta' Alla ***biex tkunu tifilħu tieqfu*** għat-tnassis tax-xitan. Għax il-ġlieda tagħna mhijiex kontra d-demm u l-laħam, imma kontra s-setgħat, kontra l-qawwiet, kontra l-prinċpijiet ta' din id-dinja ta' dlamijiet, kontra l-ispirti ħżiena li jgħammru fil-wisa' tas-smewwiet. Għalhekk ħudu fuqkom l-armatura ta' Alla, ***ħalli tkunu tistgħu tieqfu*** fi żmien il-ħażen u, *wara li tkunu għa-miltu ħilitkom kollha, iżżommu weqfin*. Żommu sħiħ, mela, ħażżmu ġenbejkom **bil-verità**, ilbsu l-korazza **tal-ġustizzja**, u xiddu riġlej-kom bil-ħeġġa ta' **l-Evanġelju** tas-sliem; ħudu f'idejkom it-tarka **tal-fidi**, li biha tistgħu titfu l-vleġeġ kollha tan-nar tal-ħażin; ilbsu l-elmu tas-salvazzjoni u aqbdu x-xabla ta' l-Ispirtu li hi **l-Kelma ta' Alla**. Itolbu dejjem fl-Ispirtu, b'kull xorta ta' talb u f'kull ħtieġa, ishru fih bla ma tieqfu, u itolbu għall-ħtiġijiet tal-qaddisin kollha."

18. **Ġeremija 29:11** – "Għax jien naf il-ħsibijiet li naħseb fuqkom, igħid il-Mulej; ħsibijiet ta' sliem, u mhux ta' ħsara, biex nagħtikom futur u tama."

19. **Salm 46:1-2** – "Alla hu l-kenn u l-qawwa tagħna, għajnuna pronta dejjem fid-dwejjaq. Għalhekk ma nibżgħux imqar jekk l-art titrie-għed u l-muntanji jiġġarrfu f'nofs il-baħar."

**20.** **Naħum 1:7** – "Tajjeb il-Mulej; hu fortizza f'jum ta' diqa; hu jaf lil dawk li jieħdu kenn fih."

21. **Filippin 4:13** – "Kollox nista' nagħmel permezz ta' Kristu li jqaw-wini."

22. **Proverbji 3:25-26** – "La tibżax minn qtajja għal għarrieda, u lanqas mill-ħsara tal-ħżiena, meta tasal. Għax ikun ma' ġenbek il-Mulej, u riġlek iħarislek li ma jinqabadx."

## EMOZZJONIJIET

1. Alla ħalaq lill-bniedem bl-abbiltà li jħoss medda wiesa ta' emozzjonijiet, minn ferħ u kuntentizza, għal l-aktar dipressjoni mudlama.
2. Kulħadd iħoss. Xi kultant dak li wieħed iħoss iweġġa' kemm fiżikament u aktar u aktar emozzjonalment.
3. Għal xi wħud l-uġigħ idum aktar minn oħrajn u aktar gravi min oħrajn.
4. Meta Alla qal, "Ħalli nagħmlu l-bniedem fuq xbihietna, u fuq suritna" (**Ġenesi 1:26**), dak ikkonkluda l-emozzjonijiet ukoll kemm dawk għolja u kemm dawk baxxi *LI ALLA NNIFSU JESPERJENZA*.
5. Meta l-umanità saret korrotta:
    a. **Ġenesi 6:6** – "U sogħobbih il-Mulej li għamel il-bniedem fuq wiċċ l-art, u għela f'qalbu."
6. Ġesù Kristu kien ukoll bniedem u kellu emozzjonijiet:
    a. Meta Lażżru miet – **Ġwanni 11:35** – "U Ġesù beka."
    b. **Ġwanni 2:15-17** – Lil bejjiegħa u s-sarrafa tal-flus. Irrabja ġenwinament.
7. Isaija ddeskriva lil Ġesù bħala raġel b'emozzjoni iebsa ħafna:
    a. **Isaija 53:3** – "Hu kien immaqdar, u maħrub min-nies; raġel ta' l-uġigħ, u magħfus bil-mard, bħal wieħed li naħbu wiċċna minnu; kien immaqdar u xejn ma qisnieh."
8. Esperejenza d-dipressjoni Ġesù?
    a. **Mattew 26:38** – "Qalilhom imbagħad: imnikkta wisq ruħi; għall-mewt; ibqgħu hawn, u ishru miegħi."
9. **Salm 23:1-6** – "Il-Mulej hu r-ragħja tiegħi; xejn ma jonqosni. Hu jmiddni f'mergħat iħaddru: ħdejn ilmijiet ta' serħan imexxini. Hu jaħji lil ruħi: fil-mogħdijiet tas-sewwa jmexxini minħabba ismu. Iva, għalkemm nimxi fil-wied ta' dell il-mewt, ma nibża' minn ebda ħsara: għax int miegħi; ifarrġuni l-ħatar u l-għasluġ tiegħek. Mejda thejji għalija quddiem l-għedewwa tiegħi: rasi tidlikli biż-żejt; ifurli l-kalċi tiegħi. Tassew, it-tjieba u l-ħniena jiġu warajja l-jiem kollha ta' ħajti; u jien ngħammar f'dar il-Mulej il-jiem kollha."

10. **Mattew 11:28-30** – "Ejjew għandi, intom ilkoll li taħdmu, u li intom imgħobbijin wisq, u jien inserraħkom. Ħudu l-madmad tiegħi fuqkom, u tgħallmu minni: għax jien ġwejjed u umli f'qalbi; u intom issibu l-mistrieħ għal ruħkom. Għax il-madmad tiegħi ħelu, u t-tagħbija tiegħi ħafifa."